MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 69** **Tlieta 28 ta' Novembru 2023**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:20pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Perit Christopher Grech – Sindku
Rachel Abela - Viċi Sindku
Keith Cassar – Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Dott. Angele Rapa – Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Danny Farrugia - Kunsillier
George Borg - Kunsillier
Anna Galea – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Joseph Gatt- Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsilliera
Jesmond Gauci - Kunsillier

**ASSENTI:**

**MISTIEDNA:**
Daniel Galea – Accountant

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Chris Grech ippreseda l-laqgħa.

**69.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera Gatt, Bonnici u Gauci. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġija tal- Kunsilliera Gatt, Bonnici u Gauci.

Fis 6:25 saret sospensjoni ta' l-aġenda biex ngħaddu l-*itmes* 69.5.2 Quarterly Report 3: July to September 2023, u 69.5.3 Management Letter / Reply to Management Letter.

**69.2 Approvazzjoni tal-Minuti nru 67.**
Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 67.

**Kunsiderazzjoni tal-Minuti nru.67.**
**REF: 44.3.4 – Kommunikazzjoni – Byelaw Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**
Is-Sindku nforma li għad ma kellux ċans jagħlaq id-*draft* tal-byelaw.

**REF: 46.6.1 Arbitraġġ PAMA**
Is-Sindku nforma li l-Public Works bdew ineħħu l-affarijiet, u hemm disa' bokki li nkixfu u għalhekk dawn ġew magħluqa temporanjament bl-injam msammrin ma l-art, u ġibna ħaddied biex jagħtina stima. Il-Kunsilliera Cassar u Farrugia nformaw li dawn l-injam huma perikolużi għax jimmullaw, fejn ġie ssuġġeriet li dawn jkollhom xi *barriers* fuqhom biex in-nies ma jgħaddux min fuqhom.

**REF: 46.4.5 Kommunikazzjoni – Pjanti Triq Difiża Ċivili**
Is-Sindku nforma kien bagħat lil Infrastructure Malta (IM), li l-membri tal-Kunsilli qablu fi prinċipju mal-pjanta proposta, kif wkoll ressaq il-proposti tal-Kunsill biex fejn il-karreġġati fuq il-pont direzzjoni Naxxar jinqelbu *two-lane* t'itwal aktar lejn l-RS2, jiġifieri tibda min aktar qabel, kif wkoll biex jkun iċċekkjat il-*building line* ta' fejn il-*junction roundabout.* Pero is-Sindku nforma li għadu ma rċevhiex risposta.

Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk hemmx *timeframe* ta' meta ser jsir ix-xogħol, u s-Sindku nforma li kienu nformawh li għal Jannar. Il-Kunsillier Cassar talab biex ninsistu ma IM, jekk jistgħux jtaffu l-problema tat-traffiku ta' fuq il-pont billi temporanjament jitneħħew il-*barriers* sakemm jitlestew ix-xogħlijiet fi Vjal Ragusa.

**REF: 50.5.6 Phase 3 Lighting Pjazza**
Is-Sindku nforma li llum qabel il-laqgħa tal-Kunsill kellhu laqgħa mas-*supplier* fejn qed tkun iffinalizzata l-kwotazzjoni biex l-Enemalta jmexxu bil-*procurement.*

**REF: 52.3.7 Skema ERA CCTV Kameras – FOND AMBJENTALI ERA**
Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tara jekk ħarġitx il-*works order* lil-perit tal-Kunsill biex jagħmel il-pjanti, BOQ u jsir is-*survey* għal proġett ambjentali biex jsir restawr fuq il-ġiebja biex tinħoloq *Belevedere* li tinsab ġewwa ġnien l-Għarusa tal-Mosta minflok jintużaw fuq CCTV kameras. Il-kameras issa ser jiġu provduti mir-Reġjun.

**REF: 52.5.6 Bye Law Reklami fuq Għamara ta' Toroq**
Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet bagħtet tfakkira lil-avukat biex jitranġa xi kliem mil-abbozz legali.

**REF: 55.4.1 Spustjar Permanenti ta' parti mill-Monti**
Is-Sindku nforma li issa li ġbarna l-maġġoranza tad-dettalji tal-bejjiegħa, iridu naraw il-*way forward* qabel ma ssir laqgħa ma tal-monti. Il-Kunsillier Cassar nforma li fil-passat fiż-żmien is-Sindku Shirley, kien sar eżerċizzju mil-perit tal-Kunsill biex jaraw jekk il-bejjiegħa tal-monti joqgħodux fi triq Patri Avertan Fenech, fejn ir-riżultat kien li ma joqgħodux.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex titlob il-pjanti lil-perit tal-Kunsill.

**REF: 55.5.2 Update - Ingaġġ ta' Skrivan Skala 15**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-*interviews* saru fis 7 ta' Novembru. Rċevejna tnax il-applikazzjoni fejn erba' minnhom ma kienux eliġibbli, u tlieta jew ma kienux interessati jew sabu xogħol ieħor. Saru ħames *interviews* u ntgħażlu tnejn, fejn eventwalment waħda mil-applikanti sabet xogħol ieħor. Il-persuna li ntgħażlet ser tibda fl-1 ta' Diċembru, u għalhekk trid terġa tinħareġ sejħa għal persuna oħra.
Il-membri preżenti approvaw li terġa tinħareġ sejħa pubblika.

**REF: 56.3.7 KLMQ-01-2019 Youth Worker Service**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li wara li kellna l-*feedback* mil-Kunsilliera Bonnici, bdejna naħdmu biex jinħareġ tender għal Youth Worker Service.

**REF: 56.3.8 Proġett Project Green**
Is-Sindku nforma li Project Green bagħtu l-kuntratt biex jkun iffirmat, fejn il-Kunsill jrid joħroġ 10% mil-ispiża. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tibgħat tistaqsi lid-DLG jekk jistgħux jagħtu żieda ma l-allokazzjoni ta' l-10% u l-ispejjeż ta' 6% tal-perit. Is-Sindku żied jgħid li nforma lil Project Green li jekk mhux ser jkollna żieda fl-allokazzjoni mhux ser jiffirma l-kuntratt, imma biex nkunu ġusti l-10% tas-somma hemm bżonnhom ghal-2025.

**REF: 58.3.2 Toroq u Sqaqien (inkluż dawk iffinanzjati mid-DPF)**
Is-Sindku nforma li l-lista ta' servizzi ta' sqaq Xorxa u sqaq San Anton Abbati ntbagħtu kollha, u ntbagħtu wkoll lil-perit biex joħroġ il-BOQ finali. Rigward it-toroq Dun Mikiel Xerri, Charles J. Vassallo dawn għadna ma rċevejniex *feedback.*

**REF: 58.4.3 Traffic Calming Measures Triq il-Mitħna**
Is-Sindku nforma li l-*pelican crossings* jaslu f'Jannar, għax *out of stock.*

**REF: 59.3.5 Roundabouts: LIDL/l-Pont u Monument fil-pjazza (Obelisk)**
Is-Sindku nforma li mar-*roundabout* tal-LIDL għamlu l-ħamrija u l-*landscaping,* u fin-nofs hemm pjanat li l-monument jrid jkun *removable* biex jekk jkun hemm xi ħsarat fil-*cables* tad-dawl, jkun jista' jinqala. Dwar l-MCAST kif spjega s-Sindku fl-aħħar laqgħa mhumiex interessati, u madwar ħmistax ilu s-Sindku ġie avviċinat min-artist Mosti li jagħmel monumenti min materjal tar-reċiklaġġ, fejn is-Sindku wera abbozz lil-membri preżenti.

Saret diskussjoni bejn il-membri preżenti fejn il-membri qablu li għanda toħroġ espressjoni ta' nteress u l-Kunsill ma jkunx obbligat li jmur għal irħas proposta. Is-Sindku għandu jipprepara xi punti biex jitnizzlu bħala kriterji fl-espressjoni ta' nteress, fejn uħud minnhom li qablu l-membri tal-Kunsill huma li, il-monument jkun jista' jinqala, sejħa toħroġ għal-artisti Mostin, jkun hemm il-prezz, il-Kunsill ma jkunx marbut b'terminu, u jekk jintgħażel id-disinn dan ma jkunx replikat f'xi raħal ieħor.

Rigward il-monument tal-pont, is-Sindku nforma li din ħa tkun sejħa miftuħa għal kulħadd u mhux għal-artisti Mostin biss, u nforma li qed jistenna mil-Profs. Cassar biex jerġa jiltaqà l-kumitat.

Rigward l-Obelisk s-Sindku nforma li tlestew it-3D's u ser jibda konsultazzjoni mas-Superintendance of Cultural Heritage (SCH). Fil fratemp il-pedament tlesta min Infrastructure Malta (IM), u għalhekk din mhux spiża għal Kunsill.

**REF: 61.3.2 Street Naming**
Is-Sindku nforma li fuq din il-materja għad trid tiġi diskussa waqt *traffic management committee,* u hemm bżonn li ssir laqgħa fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru***.***

**REF: 62.3.2 Tenders**
Is-Sindku nforma li meta dorna t-tender li jrid jinħareġ, indunajna li l-kuntrattur tal-knis mhux jagħmel ix-xogħol kollu li obbligat jagħmel skont it-tender, fejn meta s-Sindku ġibidlu l-attenzjoni, dan informa li kellu ftehim mas-Sindku ta' dak iż-żmien is-Sur Cassar. Il-Kunsillier Cassar nforma li ma kellu ebda ftehim, u jekk vera kien hemm ftehim dan għandu jġibu bil-miktub.

**REF: 62.4.5 Statwi tal-Bronż**
Dwar ir-restawr ta' l-istatwi tal-bronż ta' EB Vella u Dun Anġ Camilleri, is-Sindku nforma li wara li tkellem mas-Sur Chris Ebejer, għat ma bagħatx il-kwotazzjoni.

**REF: 62.4.6 Electric Charging Pillars.**
Is-Sindku nforma li ma kellux ċans jdur jikkopja il *co-ordinates* fuq *google maps,* u għalhekk talab għajnuna mil-Kunsilliera preżenti, fejn il-Kunsillier Farrugia għandu jieħu ħsieb jdur il-lista, u jibgħatha lil-Kunsilliera.

**REF: 64.3.7 Small Medium Enterprises (SME)**
Is-Sindku nforma li saret laqgħa mal-SME's il-bieraħ fejn preżenti miegħu għal-laqgħa kien hemm il-Viċi Sindku Abela, il-Kunsilliera Galea, Gatt, u Zerafa, kif wkoll l-avukat tal-Kunsill biex jieħu noti dwar il-*bye law.* Is-Sindku nforma lil-membri preżenti fuq il-punti li tqajmu waqt il-laqgħa mal-SME's;

- *Loading/Unloading* kien hemm qbil li dawn jkunu sa nofsinhar, u min wara nofsinhar sas 7:00pm jkunu jistgħu jipparkjaw vetturi għal kwarta. Is-Sindku żied jgħid li hemm żewġ ħwienet li ser jkunu b'ħinijiet differenti minħabba l-ħinijiet tal-ftuħ u għeluq.

- Bus Stops: direzzjoni min Buġibba lejn il-pjazza, ser jibqgħu it-tnejn li diġà hemm. In-naħa l-oħra min triq Kungress lejn Buġibba, il-*bus stops* ħa jkunu fejn l-ispizjar u l-Gadget, u quddiem il Best and Less.

- Dwar *alighting/boarding* għat-turisti, Giovann nforma li ma hemmx ħin speċifiku ta' xħin jaslu l-*coaches* bit-turisti, u għalhekk ser tinħoloq sistema ta' *booking* skont l-erba' *alighting/boarding* li ser jkun hemm. Dawn l-*alighting/boarding* ser jkunu fejn Joe tal-ħaxix, quddiem Joe tal-ħaxix, quddiem Pawlu Pace u quddiem is-soċjetà Nicolo Isouard.

- Rigward *alighting/boarding* tal *hop-on* u *hop-off,* dawn ser jkunu wkoll l-istess quddiem Pawlu Pace u quddiem is-soċjetà Nicolo Isouard.

- Skart: fejn ġie diskuss ma l-SME's li idealment dan jinġabar min kollettur wieħed, f'ħinijiet identifikati mil-Kunsill. Jew opzjoni oħra jekk tkun permissibbli, li jieħu ħsieb il-ġabra l-Kunsill, u tal-ħwienet jħallsu lil-Kunsill għal ġbir ta' skart tagħhom.

- Dwar it-*tables and chairs*, l-MTA issuġġeriet li jsir *master plan* fejn japplika l-Kunsill ma l-Awtorità ta' l-Ippjanar li jkun approvat, u jistgħu jsiru *tables and chairs* anke ta' ħwienet li ma jeżistux. Dan ifisser li meta wieħed jmur japplika l-Awtorità ta' l-Ippjanar timxi u toħroġ il-permess skont il-*master plan.* Dwar permessi eżistenti, dawn jistgħu jinbidlu, għax il-Lands tista' tbiddel il-konċessjoni/permess tat-*tables and chairs* meta trid.

- Għeluq tal-pjazza: Il-Kunsill kien issuġġerixxa li l-għeluq tal-pjazza jkun fil-*weekends* mil-Ġimgħa fil 5:00pm sal-Ħadd 12:00am. Min Lulju sa Awissu kuljum mis-7:00pm, u l-ġimgħa tal festa l-pjazza tkun magħluqa l-ġimgħa kollha.
  L-SME's fl-ewwel laqgħa li kien mistieden għalija s-Sindku, l-SME's talbu li l-pjazza tingħalaq mis-Sibt mil 5:00pm u mhux mil-Ġimgħa. Waqt il-laqgħa tal-bieraħ l-SME's staqsew kif ser jkun it-traffiku, u l-ħinijiet, u qablu li l-pjazza tingħalaq fil-ġimgħa tal-festa, kif wkoll li tingħalaq fis-sajf imma mis-7:00pm tal-Ġimgħa. Rigward il-*weekends* ta' matul is-sena kollha, ħlief fil ġimgħa tal-festa u x-xahrejn tas-sajf il-pjazza l-SME's qablu li tingħalaq mis-Sibt fil 5:00pm. Is-Sindku żied jgħid li l-pjazza fil-verità mhux ser tkun magħluqa imma l-aċċess lejn il-pjazza ser jkun limitat.

Saret diskussjoni dwar l-għeluq tat-toroq u l-aċċess għal vetturi meta tingħalaq il-pjazza, u s-Sindku nforma li jekk jaqbel it-*traffic management committee,* ma dak li ġie diskuss fil-laqgħat tal-SME's, issir l-applikazzjoni ma Transport Malta (TM) dwar l-għeluq tal-pjazza.

Is-Sindku nforma wkoll waqt il-laqgħa tal-SME's li min fejn jispiċċa l-pavimentar sal-pjazza tal-monti qed jgħollu t-tappieri, u t-tarmak ser jingħata l-Ħamis fil-għaxija 30 ta' Novembru, u triq Il-Kostituzzjoni tinfetaħ is-Sibt fil-għodu peress li jridu jagħmlu r-*road markings.*
It-tieni parti bejn il-pjazza tal-monti u triq il-Wied, it-tarmak ser jkun qed isir il-ġimgħa ta' wara. Il-parti mil-Urban Jungle l-isfel, għad fadal għax hemm problemi bis-sistemi tad-drenaġġ.

Fit 8:30pm is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil membri preżenti li fadal bis nofs siegħa.

Il-Kunsillier Cassar fakkar lis-Sindku biex jintbagħatu l-minuti ta' l-ewwel laqgħa li saret mal-SME's.

Is-Sindku nforma wkoll li talba oħra li saret mil-SME's hi, li peress li l-pjazza ser tkun magħluqa kif inhi bħalissa sal-Milied, talbu jekk nistgħux nħajru *buskers/street performers* li jiġu jdoqqu fil-pjazza. Is-Sindku nforma wkoll li talab lil-SME's biex jaħtru kumitat li jkun f'*partenership* mal-kumitat tal-Kunsill, biex jsir programm ta' attivitajiet matul s-sena.

Dwar attivitajiet, is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri preżenti, li wieħed mil-kummenti li qajmu l-NAO, huwa li l-Kunsill jista' jressaq biss attività waħda matul is-sena, li hija Jum il-Lokalità li tillimita l-ispejjeż rispettivi għal tali avveniment għall-ogħla ta' €3,500 jew 0.5% ta' l-allokazzjoni. Avvenimenti oħra jridu jkunu awtorizzati mid-DLG jew koperti minn Skemi Kulturali.

Is-Sindku qal li l-SME's ġew nfurmati wkoll li hemm diskussjonijiet għaddejjin li jsir parkeġġ pubbliku, li jew jsir mil-Gvern Ċentrali jew bil-PPP. Is-Sindku nforma li ressaq proposta lil SME's, li hemm kumpanija li toffri trasport privat bħala servizz ta' *park and ride*, fejn tal-ħwienet jkunu jistgħu jixtru l-biljetti min-għandu, liema biljetti jingħataw lil kull min jmur jixtri

mingħand tal-ħwienet, fejn din l-ideja ntgħoġbot ħafna mil-SME's. Is-Sindku kien ċar li l-Kunsill mhux ser jidħol fija tal-*park and ride*, kienet biss proposta li ressaq lil-SME's u għalhekk huma tal-ħwienet li jridu jinnegozjaw. Il-Kunsill jidħol biss biex joħroġ il-permess/*no objection* lil kumpanija li tkun ser toffri s-servizz tal-*park and ride.*

Is-Sindku nforma wkoll lil talab lil Malta Tourism Authority (MTA), baġit biex jsiru lis-*street furniture* u *planters,* u ser jippruvaw jagħtuna bejn €150,000 u €200,000.

**REF: 66.3.2 - Cir AKL 2023/085 Laqgħat Skemi ta' parkeġġi residenzjali fil-lokalitajiet f' Malta u Għawdex**
Is-Sindku nforma li din l-iskema għad trid tiġi diskussa waqt *traffic management committee.*

**REF: 66.3.4 – Cir AKL 2023/086 President's Fun Run 2023**
Il-Kunsillier Zerafa nforma li t-trasport li kien offrut mil-Kunsill għal President's Fun Run, intuża biss min ħames min-nies.

**REF: 66.3.5 Siġar tal-Ficus**
Is-Sindku nforma li wara li l-Kunsill kien iddeċieda biex jkunu trapjantati s-siġar tal-ficus, u wara saret l-oġġezzjoni mil-pubbliku, is-Sindku nforma li għal-benefiċċju ta' min qed jismagħha u ma jafx, skont il-liġi tal-Kunsilli Lokali, jridu jgħaddu sitt xhur biex tinbidel deċiżjoni mil-Kunsill. Għalhekk, għalkemm is-siġar tal-ficus ma nqalgħux, id-deċiżjoni uffiċjali biex jkunu nfurmati l-ERA trid issir f'għeluq is-sitt xhur, u jkun irtirat il-permess ta' l-ERA li huwa validu għal erba' snin. Il-membri preżenti qablu li sitt xhur oħra jkun irtirat il-permess, għalkemm l-ERA xorta jistgħu jirrevokaw il-permess huma.

Is-Sindku nforma li s-siġar li waslu xorta ser jkunu integrati fil-pjazza. Rigward id-dawl li sar fuq is-siġar fil-pjazza, dawk saru għal lejla waħda biss għal-attività tal-ftuħ tal-Milied, u għax kienet għada ma waslitx is-siġra tal-Milied fil-pjazza.

Il-Kunsillier Cassar staqsa min ħallas għas-siġar tal-ballut, u s-Sindku nforma li dawn parti mil-*landscaping plan* li qed jsir mil-GEB Landscaping li ġie ffinanzjat min Transport Malta (TM) taħt il-Ministeru ta' Aaron Farrugia.

Rigward is-siġar tal-ballut is-Sindku nforma li dawn li waslu huma kbar wisq għal Santa Margerita, u għalhekk ser jinzergħu tnax il-siġra tal-ballut ta' daqs iżgħar.

Il-Kunsillier Deguara nforma li meta staqsa dwar is-siġar tal-ballut kienu nfurmati li jagħmlu l-ħsara u li vera jagħmlu l-ħsara, u għalkemm hu ma oġġezzjonax dwar it-*transplanting* tas-siġar, qatt sabar li ser jkunu maqtugħin b'dak il-mod. Is-Sindku nforma li hu mhux arborista, imma l-arborista qal li biex jsir *transplanting* is-siġar jridu jinżabru b'dak il-mod, u z-żewġ siġriet ta' qabel li sar it-*transplanting* tagħhom ġewwa Vjal Ragusa, u li ħadd ma qal xejn fuqhom, diġà bdew jarmu l-weraq.

Il-Kunsillier Deguara nforma li l-espert Alfred Baldacchino qal li l-għeruq tas-siġar tal-ballut jagħmlu aktar ħsara min tal-ficus, fejn is-Sindku ir-rimarka li skont l-ERA dan mhux minnu. Is-Sindku nforma wkoll li hu kien irrakkomanda li jinżergħu siġar tal-palm, fejn l-ERA qalu li jridu jinżergħu siġar indiġeni, u kienu huma li rrakkomandaw is-siġar tal-ballut u ta' ġuda.

Il-Kunsillier Deguara ressaq l-oġġezzjoni tiegħu dwar il-*post* li ttella li fil-media, li kienu s-Sindku u l-Kunsilliera tal-Partit Laburista li semgħu ix-xewqa tan-nies u s-siġar ser jibqgħu fejn huma, mela fejn jaqbel jissemma l-Kunsill kollu, imbagħad biex nisimgħu x-xewqa tan-nies mhux il-Kunsill kollu. Is-Sindku nforma li nħarrġet l-istqarrija għax kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera laburisti, filwaqt li meta ntalbet il-laqgħa ta' emerġenza mil-Kunsilliera Nazzjonalisti, mkien ma kien hemm talba biex is-siġar tal-ficus jibqgħu fil-post, imma biex isir diskussjoni, u għalhekk nħarġet l-istqarrija mil-Kunsilliera laburisti għax ma kienx hemm x'jiġi diskuss.

**REF: 66.3.6 Street Lighting Toroq Kungress Ewkaristiku u Kostituzzjoni**
Is-Sindku nforma li dwar id-dawl ta' triq il-Kostituzzjoni li ser napplikaw biex jkunu *down hanging u* jsiru responsabiltà tal-Kunsill. Huwa tkellem ma l-Enemalta fuq il-proċedura biex dan isir, però għad m'għandux *feedback.*

**REF: 66.3.7 Maintenance Agreement Pavimentar Pjazza**
Is-Sindku fakkar li għadu qed jistenna stima fuq il-manutenzjoni tal-pavimentar, fejn talab lill-kuntrattur biex l-ewwel sena ta' l-2024 tkun mingħajr ħlas u l-ħlas jibda mis-sena 2025. Il-kuntrattur ser jifformola *draft agreement* biex narawh, biex naqblu fuqu u jiġi iffirmat, u jipprovdi stima li għad ma rċeviex.

**REF: 66.4.2 Roundabout Housing Estate.**
Is-Sindku nforma li l-istima biex il-kurduna tiċkien u ssir tal-qawwi madwar ir-roundabout tiġi tiswa madwar €9,000. Il-membri preżenti qablu li l-kurduna ma ssirx tal-qawwi, u ssir tal-konkos.

**REF: 66.4.3 Magazine tal-Kunsill**
Il-Kunsillier Deguara nforma li fil-bidu tas-sena kellna noħorġu l-edizzjoni f'April għal żmien il-Għid, u kienu kitbu biss madwar ħames Kunsilliera, li dejjem kien qed jkun pospost xagħar wara xagħar sakemm waslet il-festa. Il-Kunsillier Deguara reġa' bagħat biex jintbagħatu l-artikli ta' min kien ser jikteb fil-magazine, u kitbu l-arċipriet, r-reġjun, ħames għaqdiet, u l-Profs. Cassar, filwaqt li s-Sindku kif wkoll il-Minority Leader ma bagħatux l-artikli tagħhom, u għalhekk dan ma setax jkun stampat. Wasalna għal-laqgħa t'Ottubru fejn ingħata *deadline* għax il-*printer* ried il-materjal f'idu sa l-20 ta' Novembru, però sal-lum s-Sindku għadu ma bagħatx l-artiklu tiegħu u għalhekk il-magazine sal-Milied mhux ser joħroġ.

**REF: 66.4.4 Ħarġa tal-Kunsill**
Il-Kunsillier Deguara nforma li l-ħarġa li kienet saret nhar it-23 ta' Novembru fil-mużew ta' Wigna Court ir-Rabat, attendew 53. Filwaqt li l-festin tal-Milied għal-anzjani ser issir fit-28 ta' Diċembru, u l-kantant Josuel ser jzommilna €200 flok €250.

Il-Kunsillier Deguara nforma li fl-aħħar ħarġa ġie min taħt €18.50c, u l-membri preżenti qablu li jeħodhom mil-*petty cash,* imma l-Kunsillier Deguara nforma li ma hemmx għalfejn, u ser joħroġ il-flus nieqsa min butu.

Fit 8:55pm is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil membri preżenti li fadal bis ħames minuti biex tingħalaq il-laqgħa. Il-membri preżenti qablu li naġġornaw il-laqgħa, u l-aġenda u l-minuti ta' din il-laqgħa jitkomplew nhar il-5 ta' Diċembru.

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lil membri preżenti biex qabel ma tkun aġġornata l-laqgħa ngħaddu l-pagamenti *item* 69.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni, *item* 69.3.1 Riżenja ta' Impjegata u Permess ta' Impjieg u *item* 69.4.1 Plakka Kommemorattiva u Ktieb.

**69.3 Kommunikazzjoni / Korrispondenza mis-Sindku**

**69.3.1 Riżenja ta' Impjegata u Permess ta' Impjieg**

Is-Segretarju nfurmat li l-*accounts clerk* is-Sa. Zammit Tabone tagħat ir-riżenja tagħha u għalhekk iridu napplikaw għal-permess ta' impjieg Skala 11.

Il-membri preżenti approvaw biex napplikaw għal permess ta' impjieg, u talbu jekk hux possibbli li nikkonvinċu lis-Sa. Zammit Tabone biex ma tirrizenjax, u ssir talba mad-DLG biex it-tlett impjegati tal-*back office* li huma *seniors* fuq skala 10 jitilgħu skala 9, li apparti s-Sa. Zammit Tabone, hemm is-Sa. Galea u s-Sa. Micallef Camilleri.

**69.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**69.4.1 Plakka Kommemorattiva u Ktieb**

Il-Kunsillier Borg nforma li ġie maħtur mil-iskejjel biex jmexxi l-kumitat ta' l-iskejjel A u B Grognet de Vasse minħabba l-125 anniversarju, u ntalbet biex isir plakka kommemorattiva li ser tiswa €1,000 u ktieb li jfakkar l-istorja, u għalhekk il-kumitat talab biex il plakka u l-ktieb isiru mil-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dawn it-tip ta' *sponsorships* ma jistgħux jsiru mil-Kunsill, fil-fatt l-NAO diġà ġibdu l-attenzjoni dwar l-għajnuna li l-Kunsill jagħmel ma l-għaqdiet, fejn fuq dawn is-Segretarju Eżekuttiv kienet wkoll ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill fuqhom.

Fil-fatt anke fuq ġemellaġġi meta saret is-safra ġewwa Ragusa, u ħadna rappreżentanti mil-għaqdiet magħna, l-NAO r-rimarkaw fost affarijiet oħra li tħallsu spejjez għal-ivvjaġġar lil-uħud mil-membri ta' l-għaqdiet.

Saret diskussjoni fejn il-membri preżenti insistew li l-ktieb li jfakkar l-istorja ta' l-iskejjel ta' Grognet de Vasse għandu jsir mil-Kunsill.

**69.5 Rapporti**

**69.5.1 Update - Development Funds as at 28.11.2023**

*Update* tal-lista tad-*Development Funds*, ingħatat lil-Kunsilliera fil-*folder* mad-dokumenti tal-laqgħa.

**69.5.2 Quarterly Report 3: July to September 2023**

L-*accountant* tal-Kunsill is-Sur Galea, ippreżenta l- Quarterly Report 3: July to September 2023.

| | |
|---|---|
| Paġna 4 | - Dħul u ħruġ tal-Kunsill fuq natura rikorrenti, fejn id-dħul kien ta' €1,481,996, u ħruġ ta' €1,490,009, fejn sa Settembru l-Kunsill qiegħed b'*deficit* ta' €8,013. |
| Paġna 7 (*note* 1) | - Allokazzjoni mil-Gvern Ċentrali hija ta' €1,464,798. Dħul min permessi, ċitazzjonijiet, kontribuzzjonijiet, u skart borża bajda mir-reġjun jammontaw għal €1,481,996. |
| Paġna 8 (*note* 6) | - Bħala ħruġ, fejn jidħlu pagi u kontribuzzjonijiet, sa Settembru l-Kunsill nefaq €239,322. Is-somma bbaġitjata sa l-aħħar tas-sena hija ta' €350,850. |

Paġna 8 (*note* 7) -Operations and Maintenance, sa Settembru l-Kunsill nefaq €1,068,552. Is-somma bbaġitjata sa l-aħħar tas-sena hija ta' €1,125,600. L-akbar somma ntefqet fuq ir-rimi ta' skart €206,853. Repairs and Upkeep fuq natura rikorrenti l-Kunsill nefaq €204,406. It-total ta' nfiq fuq Operations and Maintenance sa Settembru huwa ta' €1,068,552, fejn il-Kunsill nefaq aktar min dak li kien ibbaġitjat.

Paġna 8 (*note* 8) - Spejjez amministrattivi, il-baġit tas-sena 2023 kien ta' €74,000, u sa Settembru l-Kunsill nefaq €54,342, u għalhekk bħala spejjez amministrattivi qegħdin mal-baġit.

L-Accountant spjega li fuq natura rikorrenti l-Kunsill qiegħed *break even,* u nefaq €8,013, aktar milli daħħal.

Fis 6:35pm daħlet għal-laqgħa l-Kunsilliera Rapa.

**69.5.3 Management Letter / Reply to Management Letter**

L-*accountant* tal-Kunsill is-Sur Galea, ippreżenta l-Management Letter / Reply to Management Letter, liema koppja għaddiet lil-Kunsilliera.

L-*accountant* nforma li min-National Audit Office, nirċievu l-kummenti ta' l-awdituri wara li jkunu vverifikaw il-kotba tal-Kunsill. Il-Kunsill ipprepara r-risposta fuq il-punti mressqa mil-awdituri.

L-*accountant* nforma li waħda mil-punti li dejjem titqajjem hija dwar il-kumitati konġunti fejn madwar ħmistax il-sena ilu, xi ħadd kien ħa d-deċiżjoni li dawn il-kumitati jkunu mwaqqfa, fejn bdew jaħdmu r-reġjuni, u wara l-LESA u sal-lum il- kumitati konġunti għadhom ma ġewx xolti, u allura teknikament il-Kunsill tal-Mosta għandu *shares* mhux kwantifikati f'dawn il-kumitati. L-*accountant* nforma lil membri preżenti li d-DLG qed jaħdmu biex dawn il-kumitati jkunu xolti.

Fis 6:40pm daħlal għal-laqgħa l-Kunsillier Cassar.

Bħala punti oħra li tqajmu kienu *reclassification of income*, li din ġiet indirizzata, biex nimxu mal-gwidi tal-*procurement,* il-*fixed asset register* (FAR) fejn qed jinħadem biex jkun hemm rikonċiljazzjoni mal-kotba, dwar l-istokk tal-kotba, *receivables* fejn il-Kunsill għandu jiġbor madwar €6,300 min żmien l-eks Segretarju Eżekuttiv is-Sur Alphonse, fejn hemm wkoll xi bilanċi antiki min żmien is-Sur Alphonse li jridu jitħallsu lil-Lands. Apparti dawn hemm ir-*refundable deposits* li jammontaw għal madwar €50,000, li huma depożiti ta' permessi, li uħud minnhom huma antiki li l-Kunsill ma jistax jmiss għax jista' jkun li nirċievu xi *claims.*
Saret diskussjoni dwar ir-*refundable deposits*, biex nerġgħu nieħdu parir mil-avukat, fejn fiż-żmien is-Sindku Cassar il-parir kien li dawk id-depożiti li huma antiki ma jistgħux jintmissu.

Ir-rapport ta' l-NAO huwa pubbliku, liema rapport ingħata wkoll lil Kunsilliera.

**69.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**69.6.1 Skeda ta Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 145.

Il-membri tal-Kunsill approvaw il-pagamenti.

**69.6.2 Purchase Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*purchase orders.*

Il-membri tal-Kunsill approvaw il-pagamenti.

**69.6.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*Works Orders*.

Il-membri tal-Kunsill approvaw il-*works order list*.

**69.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fid-9:15pm ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-ġimgħa oħra nhar il-5 ta' Diċembru 2023 fis-6:00pm, biex titkompla l-aġenda numru 69.

Konfermati llum 23 ta' Jannar 2024.

IFFIRMATI
Perit Chris Grech
Sindku

IFFIRMATI
Lorraine Templeman
Segretarju Eżekuttiv